# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 7**

**Rikors numru 75/15 PC**

**Geswalda Caruana**

**v.**

**Francis Xerri**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici minn sentenza preliminari [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Sede Superjuri) (Sezzjoni Generali), fl-4 ta' Marzu 2016, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ta' *res*

*judicata* billi [1] laqghetha fir-rigward tal-ewwel talba u tal-ewwel parti tat-tieni talba fejn il-Qorti ntalbet tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond in kwistjoni, u [2] cahditha fir-rigward tat-tieni parti tat-tieni talba fejn l-attrici qed titlob il-bejgh b'licitazzjoni tal-fond bin-numru 17, ta' Dun Anton, ix-Xagħra, Għawdex. L-ispejjez gew rizervati ghas-sentenza finali.

Mertu

2. Permezz tal-proceduri odjerni l-attrici qed titlob lill-Qorti sabiex tiffissa terminu ta' mhux izjed minn sitt xhur li fih il-konvenut ikun awtorizzat ikompli jokkupa l-fond bin-numru 17, ta' Dun Anton, ix-Xagħra, Għawdex; tordna l-izgumbrament tieghu mill-istess fond wara l-gheluq ta' dan it-terminu u, tiffissa data, hin u lok ghall-bejgh b'licitazzjoni tal-istess fond. Ghal dawn it-talbiet il-konvenut eccepixxa preliminarjament l-eccezzjoni ta' *res judicata* in kwantu jsostni li dawn it-talbiet gia gew trattati u decizi b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju 2014 fil-kawża fl-istess ismijiet (Rikors Ġuramentat Nru.46/2010).

L-Appell

3. L-attrici tibbaza l-appell taghha pprezentat fil-5 ta' Mejju 2016 fuq tliet aggravji li jirrigwardaw: [1] l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti tal-

element ta' '*eadem res*'; [2] l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti tal-element ta' '*eadem causa petendi*' u [3] l-applikazzjoni ta' '*eadem res*' u/jew '*eadem causa petendi*'.

4. Ghalhekk qed titlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni tar-*res judicata* fir-rigward tat-tieni parti tat-tieni talba fejn l-attrici talbet il-bejgh b'licitazzjoni tal-fond bin-numru 17, Dun Anton, ix-Xaghra, Ghawdex, tvarjaha billi tichad l-eccezzjoni tar-*res judicata* fir-rigward tal-ewwel talba u tal-ewwel parti tat-tieni talba tal-attrici fejn il-Qorti ntalbet tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond in kwistjoni.

5. Ghar-ragunijiet premessi fir-risposta tal-appell tieghu pprezentata fis-26 ta' Mejju 2016, il-konvenut jissottometti illi din il-Qorti ghandha tichad l-appell tal-attrici u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

<u>Terminu</u>

6. Illi qabel ma din il-Qorti tibda tittratta l-aggravji dwar dan l-appell, huwa doveruz fuqha li tezamina jekk it-terminu stabbilit mill-ligi, senjatament l-Artikolu 231 [1] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, giex osservat, ghax kif assodat fil-gurisprudenza patria r-regoli

procedurali huma ta' ordni pubbliku u ghandhom jigu segwiti *ad unguem*. Fil-fatt jinsab ritenut li:

> "Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "si debbono osservare alla lettera e non per equipollens" (Vol XVIII pI p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi "ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"((Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421).
>
> "Dan igib bhala konsegwenza illi t-terminu procedurali ghal proponiment ta' l-appell kellu jigi osservat strettament u 'ad unguem'. Din mhijex kwistjoni ta' formalizmu izda ta' mizura ta' dixxiplina processwali li mill-osservanza taghha jbbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu. Kaz konsimili ghal din in ezami hu dak trattat fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-21 ta' Marzu 1997 fl-ismijiet **"Giuseppi Caruana –vs- Charles sive Charlie Psaila"** u fejn ukoll dik il-Qorti kienet irritenet illi l-eccezzjoni tan-nullita kienet gustament sollevata u kien jimmeritaha akkoljiment."[1]
>
> "Ugwalment, dan jghodd ghall-Qorti nnifisha, anke fl-assenza ta' xi eccezzjoni espressa fir-rigward mill-parti. Ghax kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili tat-3 ta' Ottubru, 1927 in re: "Caterina vedova Mallia Tabone - vs- Nobbli Gio Carlo Mallia *et*", "in materia di termini perentoriamente fissati dalla legge sotto pena di decadenza, quali sono quelli entro cui è lecito presentare le scritture d'appello, la nullita` puo essere sollevata o dichiarata dalla Corte, astrazion fatto da qualsiasi acquiescenza delle parti eccetto nei casi ove è stabbilito il contrario, poiche riversa in tema di disposizioni procedurali di ordine pubblico che non è lecito ai contendenti di modificare o violare nemmeno di comune accordo";.[2]

7. Ferm il-premess il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tiddelinea l-fatti relevanti ghal din il-vertenza ta' natura procedurali. Mill-atti jirrizulta li fl-4 ta' Marzu 2016 l-ewwel Qorti tat sentenza appellata. Fil-11 ta' Marzu 2016, u allura wara li kien gia ghalaq il-perijodu ta' sitt ijiem stabbilit mill-Artikolu 231 [1] tal-Kodici, l-attrici talbet lil dik il-Qorti permess sabiex

[1] App.Inf.[PS] Maurice Cefai v. Doris Fenech, 22 Novembru 2002
[2] App. Inf.[PS] Ellis Ltd. vs Direttur Generali, 23/1/2009

tappella. Jirrizulta li, skont risposta prezentata fid-29 ta' Marzu 2016, kien hemm zball fir-rikors tal-attrici u l-ewwel Qorti rrizervat li taghti d-digriet taghha fl-udjenza li kien imiss. Fil-15 ta' April 2016 giet awtorizzata l-korrezzjoni u l-ewwel Qorti tat lill-attrici l-permess sabiex tappella.

8. F'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri taghha, moghtija fl 20 ta' Novembru 2009, fl-ismijiet **Andrew u Antoinette konjugi Tabone v. Emanuel u Mary konjugi Buhagiar**, fejn inghad li:

> "Fl-ordinament guridiku processwali taghna, salv fejn il-ligi tippermetti xort'ohra, l-appell minn sentenza fuq diversi kwestjonijiet hu differit ghal wara decizjoni finali u, dejjem fiz-zmien ta' ghoxrin jum mid-data taghha. [Ara l-ewwel parti tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 231, kombinat ma' l-Artikolu 226(1), tal-Kodici tal-Procedura]. Ghall-appell minn sentenza mhux definittiva l-ligi tirrikjedi formula sagramentali ravvizabbli minn manifestazzjoni espressa tal-volonta` tal-parti sokkombenti fformulata skont il-previzjoni tal-proviso ta' l-imsemmi Artikolu 231 (1), ossija, "jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza";
>
> "Gjaladarba sentenza ta' din in-natura hi soggetta ghal dak ir-regolament specjali jsegwi illi l-appell minnha ma jistax isir b'semplici rikors *per saltum* skont kif tiddeciedi l-parti telliefa izda biss wara l-otteniment mill-Qorti li tat dik is-sentenza tad-debita awtorizzazzjoni u, kif gja espress, fuq talba ad hoc. Appell propost meta din ir-ritwali ma tigix osservata hu inammissibbli u ma jistax jigi konsiderat in kwantu proceduralment difettuz".[3]

9. Konformament mal-premess, il-qorti tosserva li kien obbligu tal-attrici li tosserva d-dettami tal-ligi, senjatament tal-Artikolu 231 [1] tal-Kodici sabiex tkun tista' tressaq appell proceduralment ammissibbli. L-

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti.

attrici setghet talbet bil-fomm lill-ewwel Qorti meta nghatat is-sentenza permess sabiex tappella – haga li m'ghamlitx - jew setghet tipprezenta rikors appozitu fiz-zmien statutorjament stipulat, jigifieri fi zmien 6 ijiem mill-ghoti tas-sentenza – haga li wkoll m'ghamlitx - u minflok, ipprezentat rikors tardivament.

10. Huwa opportun li jigi osservat ulterjorment li l-fatt li l-ewwel Qorti kienet eventwalment laqghet it-talba tal-attrici sabiex din tappella mis-sentenza taghha, ma jista' jkun ta' ebda konfort lill-attrici fir-rigward, ghax il-fakolta` moghtija mill-ewwel Qorti ma tista' qatt tissana difett procedurali bhal ma hu n-non osservanza ta' terminu perentorju statutorjament stabbilit. Kif gia fuq osservat, hu ben assodat fil-gurisprudenza nostrana li t-termini stabbiliti fil-kodici huma materja ta' ordni pubbliku, u ma jistghux jigu injorati jew varjati, lanqas bil-kunsens tal-partijiet.

11. Ghaldaqstant, minkejja li tali eccezzjoni ma tqajmitx mill-konvenut, la quddiem l-ewwel Qorti u lanqas fir-risposta tal-appell tieghu, in kwantu jirrizulta illi z-zminijiet li fihom ghandhom jigu prezentati l-atti huma ta' ordni pubbliku, l-inosservanza taghhom hija sollevabbli mill-Qorti *ex officio*. Skadut it-terminu, id-dritt ta' azzjoni necessarjament ikun intilef (vide in materja **Miriam Cremona et v. Eucharist Bajada et**, Qorti tal-Appell Superjuri deciza 5 ta' Dicembru

2014 u **Gama Said Karfus v. Kummissarju tal-Pulizija et** Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' Mejju 2006).

12. Ghaldaqstant l-appell odjern huwa irritu u null u din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

<u>Decide</u>

Ghall-motivi premessi, filwaqt li tiddikjara l-appell tal-attrici irritu u null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu u tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex din tipprocedi bis-smigh tal-kawza skont il-ligi.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jkunu a kariku tal-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb